MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2010

Numru. 474/2009

**Il-Pulizija**
**[Spetur Joseph Mercieca]**

**vs**

**Michael Farrugia**

Kumpilazzjoni Numru 474/2009

**Illum 29 ta' Marzu 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Michael Farrugia, ta' 26 sena, iben Joseph u Margaret nee' Laulor, imwieled Pieta' nhar l-10 ta' Novembru, 1983 u li joqghod fil-fond, Farmhouse, Triq il-Barrieri, Zurrieq u detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 597283 (M)

Akkuzat talli fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Jannar, 2006, flimkien ma' Anthony Caruana, minn tlett garaxxijiet kontigwi fi Triq in-Nigret, Zurrieq, ikkommetta serq ta' flus u telephone cellulari, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li jeccedi tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centemzu (€2329.37), bil-mezz u bil-hin, u li sar ghad-detriment ta' Frangisk Farrugia, Karmenu Farrugia u Giovanni Farrugia u/jew ta' persuni ohra.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli 261(b)(c)(f), 263, 264, 267, 270, 278(3), 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi mill-atti jirrizulta li fil-lejl bejn l-24 u l-25 ta' Jannar 2006 gew sgassati, u insterqu ammonti diversi ta' flus minn tlett garaxxijiet agjacenti fi Triq in-Nigeret Zurrieq. Mill-garaxx propjeta ta' Francis Farrugia instqerqu €20,964.40 (ekwivalenti ghal Lm9,000); mill-garaxx propjeta ta' Giovanni Farrugia insterqu circa €465.88 (ekwivalenti ghal Lm200)[1]; mill-garaxx ta' Carmelo Farrugia insteraq l-ammont ta' circa €46.59 (ekwivalenti ghal Lm20)[2]; insteraq ukoll *mobile phone*. Mill-atti jirrizulta ukoll li dan ir-reat wettquh flimkien certu Anthony Caruana u l-imputat.

[1] Jigi rilevat li fid-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti Giovanni Farrugia qal li nsteraqlu l-ammont ta' Lm250 pero meta xehed fil-kors ta'l-inkjesta huwa qal li insteraqlu l-ammont ta' Lm200; f'l-okkorrenza jidher l-ammont ta' Lm150.
[2] Jigi rilevat li fid-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti Carmelo Farrugia qal li insterqulu sbatax il-karta ta' Lm2.00 i.e. Lm34 fil-waqt li meta xehed fil-kors ta'l-inkjesta qal li nsterqulu Lm20; f'l-okkorrenza m'hemmx indikat x'ammont insterqalu.

Illi Caruana, fi proceduri separati, ammetta l-involviment tieghu u hallas l-ammont ekwivalenti ghal Lm4,500 lil Francis Farrugia.

Illi fir-realta ma jirrizultax li l-imputat qed jikkontesta l-fatti, u anke mis-sottomissjonijiet maghmula jidher li huwa aktar qed jikkontesta l-ammont misruq u din il-kontestazzjoni qed tigi bazata fuq id-depozizzjoni ta’ Anthony Caruana li quddiem din il-Qorti qal li huma serqu Lm4,000 u dan l-ammont kollu huwa gia hallsu lil Farrugia.

Illi dwar dan il-punt l-ewwel osservazzjoni li ser taghmel din il-Qorti hija dwar il-verzjoni mghotija minn Francis Farrugia. Dan ix-xhud kien konsistenti fil-verzjonijiet mghotija minnu dwar l-ammont ta’ flus misruqa kemm meta kien qed jaghti l-informazzjoni lill-pulizija li ha r-rapport, kemm meta ddepona fil-kors ta’ l-injesta, kif ukoll meta ddepona quddiem din il-Qorti. Hu dejjem semma’ l-ammont ta’ Lm9,000 bhala l-ammont misruq u qal ukoll li Caruana tah nofs dan l-ammont u cioe Lm4,500.

Illi f’dan ir-rigward xehed Salvu Farrugia. Hu jghid li meta gie deciz il-kaz ta’ Caruana dan qallu “l-erba telef tajthomkom, inhallas il-hames mija li baqa’ ghal kumplament fittxu lil Michael Farrugia”. Ir-rakkont ta’ Salvu Farrugia huwa konfortat mis-sentenza mghotija fil-konfront ta’ Caruana ghaliex skond din is-sentenza huwa gie ordnat ihallas €1165 (i.e. somma ekwivalenti ghal Lm500) u ghalhekk jaghmel sens dak li qal Farrugia u cioe li Caruana iddikjara mieghu li kien hallas Lm4,000 u kien baqghalu jaghti Lm500.

Illi dwar id-depozizzjoni ta’ Salvu Farrugia l-Qorti tirrleva ukoll li ir-rakkont da parti ta’ Farrugia ta’ x’qal Caruana direttament lilu, mhux b’referenza ghal dak li setghu qalulu terzi u mhux b’referenza ghal dak li seta’ ghamel hadd iehor, mhux *hearsay evidence* kif allegat id-difieza u jista’ jigi accettat bhala prova.

Illi f’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti m’ghandha l-ebda dubbju li l-ammont li nsteraq kien ta’ Lm9,000 u li minn dan l-ammont Caruana hallas Lm4,500.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(f), 263, 264, 267, 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah sittax il-xahar prigunerija li b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A ta’l-istess Kaptiolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta’ sentejn. In oltre b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien sitt xhur ihallas is-somma ta’ €10,482.20 (ekwivalenti ghal Lm4,500) lil Francis Farrugia.

Il-Qorti spjegat fi kliem ordinarju lill-imputat ir-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk huwa jikkommetti reat iehor fi zmien tmintax il-xahar u jekk ma joqghodx ghall-ordni lilu mghoti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------